MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 954/2014LM

**Ronald Caruana (ID numru 443870M) u martu Maria Carmela sive Marica Caruana (ID numru 346069M) għal kull interess li jista' jkollha**

***vs.***

**J.F. Services Limited (C 26648) u WasteServ Malta Limited (C30560)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-30 ta' Ottubru, 2014 mill-atturi **Ronald Caruana** (ID numru 443870M) u martu **Maria Carmela sive Marica Caruana** (ID numru 346069M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Ronald Caruana stess, li jgħid kif ġej:

1. *Premess illi l-attur Ronald Caruana huwa impjegat mas-soċjetà konvenuta J. F. Services Limited;*

2. *U premess illi nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru elfejn u tnax (2012), waqt li l-attur kien qed jaħdem ġewwa l-WasteServ, fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta J. F. Services Limited, huwa korra;*

3. *U premess illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident l-attur sofra telf ta' qliegħ, diżabilità permanenti u danni konsegwenzjali;*

4. *U premess illi l-imsemmi inċident seħħ b'tort, b'negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom;*

5. *U premess illi s-soċjetajiet konvenuti ġew interpellati sabiex jgħaddu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur (anke permezz ta' ittra uffiċjali datata t-13 ta' Frar, 2014), iżda baqgħu inadempjenti.*

*Għalhekk, jgħidu s-soċjetajiet konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol nhar l-1 ta' Diċembru, 2012, f'liema inċident korra l-attur;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident imsemmi;*

3. *Tikkundanna lill-istess soċjetajiet konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.*

*Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar, 2014, kontra s-soċjetajiet konvenuti inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **J. F. Services Limited** (C 26648) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta J. F. Services Limited"), li ġiet ippreżentata fil-25 ta' Novembru, 2014, u maħlufa minn Peter Formosa (ID numru 422754M) li biha eċċepiet:

1. *Illi, preliminarjament, is-soċjetà rispondenti m'għandha ebda relazzjoni ġuridika ta' kwalsiasi natura mar-rikorrenti Maria Carmela sive Marica Caruana (ID numru 346069M) u għalhekk fil-konfront tat-talbiet u pretensjonijiet tagħha għandha tiġi liberata ab observantia;*

2. *Illi, sussidjarjament u fil-mertu, is-soċjetà intimati, tramite l-assiguraturi tas-soċjetà intimata J. F. Services Limited (C 26648) fuq polza t'assigurazzjoni li tkopri wkoll lis-soċjetà intimata l-oħra WasteServ Malta Limited (C 30650) bħala additional assured, offrew li jikkumpensaw lir-rikorrent Ronald Caruana (ID numru 443870M) għad-danni li huwa sofra b'riżultat tal-inċident inkwistjoni fis-somma ta' €8,003.17, liema somma hija kalkolata skont il-kanoni stabbiliti b'ġurisprudenza paċifika a bażi ta' multiplier (ġeneruż) ta' 18-il sena, fuq is-salarju sħiħ attwali tiegħu u diżabilità permanenti ta' 5% kif ċertifikat minn tliet speċjalisti illi eżaminaw lir-rikorrent u ċioe Mr. Thomas Fenech M.B., B.S., FRCS, FRCOpth, Dr. Jean Karl Soler MD, PHD, MMCFD u Dr. Mario Vella MD, FRCESD, MRCESD iżda r-rikorrent irrifjuta din l-offerta u talab minflok somma eżorbitanti li ċertament mhijiex dovuta u fetaħ din il-kawża; għaldaqstant l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jiġu allokati lir-rikorrenti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **WasteServ Malta Limited** (C 30560) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta WasteServ Malta Limited"), li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Novembru, 2014, u maħlufa minn Kirsty Gatt (ID numru 384086M), li biha eċċepiet:

1. *Preliminarjament in-nullità tal-kawża peress li din ġiet proposta minn attur li qiegħed imexxi f'vesti inċerta għaliex mhuwiex mogħti fil-liġi li wieħed iħarrek 'għal kull interess li jista' jkollu';*
2. *Subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi s-soċjetà esponenti m'għandha l-ebda responsabbilità għall-akkadut u lanqas ma għandha xi relazzjoni mal-atturi u kwindi mhijiex leġittimu kontradittur;*
3. *Subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi s-soċjetà esponenti dejjem ottemperat ruħha mal-liġi u ma naqset mill-ebda obbligu tagħha u kwindi ma tistax tinżamm responsabbli għall-allegati danni;*
4. *Subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-azzjoni attriċi hi infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż;*
5. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

*Dikjarazzjoni:*

*In sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-esponenti tiddikjara dan li ġej:*

1. *Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-konvenuta l-oħra J.F. Services Limited billi din kienet tipprovdi xi servizzi lill-esponenti. L-attur kien impjegat mas-*

*soċjetà imsemmija kif sewwa jirriżulta mill-ewwel premess tar-rikors ġuramentat;*

2. *Illi s-soċjetà esponenti m'għandha ebda responsabbilità għall-akkadut u dejjem ottemperat ruħha mal-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' April, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur Ronald Caruana kellu inċident f'wieħed mill-impjanti tas-soċjetà konvenuta WasteServ fejn kien ingaġġat bħala *sorter* tramite s-soċjetà konvenuta l-oħra J. F. Services Limited, meta weġġa' minħabba *wire* tal-azzar li tar mill-*bucket* ta' gaffa u daħal f'għajnejh hekk kif l-attur għola minn mal-art minn fejn kien qiegħed jagħżel l-iskart, u kkawżalu debilità ta' natura permanenti. L-attur jallega li l-inċident seħħ unikament tort tal-konvenuti jew ta' min minnhom, minħabba f'negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-

regolamenti tas-saħħa da parti tagħhom. Permezz tal-azzjoni tiegħu, l-attur qiegħed ifittex lill-konvenuti għad-danni li huwa jgħid li sofra.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom ċaħdu li huma kienu responsabbli għall-akkadut, filwaqt li eċċepew irregolarità fil-mod kif il-kawża ġiet ippreżentata f'isem l-attur u martu, meta huma ma kellhom ebda relazzjoni ġuridika ma' mart l-attur.

**Provi u riżultanzi**

L-atturi ppreżentaw kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta minnhom lis-soċjetajiet konvenuti[1], fejn sar riferiment għall-inċident li fih weġġa' l-attur, u fejn il-konvenuti ġew interpellati jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti minnu.

L-attur ippreżenta kopja tar-rapport mediku redatt minn Mr Thomas Fenech, kirurgu fl-oftalmoloġija, bid-data l-1 ta'April, 2014,[2] li fir-rapport tiegħu kkonstata li l-attur Ronald Caruana sofra debilità permanenti f'għajnejh ta' 10%, u debilità permanenti f'ġismu ta' 5%. Ġiet esebita wkoll kopja tar-rapport imħejji minn Dr Jean Karl Soler, speċjalista fl-*occupational medicine*[3]*,* bid-data tat-22 ta' Jannar, 2014, li kkonferma li l-attur kien diġà ġie eżaminat drabi oħra, kemm minnu stess kif ukoll minn tobba oħrajn. Hu kkonferma li konsegwenza tal-inċident li kellu l-attur, dan kellu ħsara fil-ħabba t'għajnu tax-xellug, li qiegħda tikkawżalu diffikultajiet fil-vista partikolarment meta jkun hemm dawl qawwi, kif ukoll qiegħda tikkawżalu diffikultajiet biex ikun jista'

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 16 tal-proċess.
[3] *A fol.* 18 tal-proċess.

jiffoka kemm fil-viċin kif ukoll f'distanza itwal. Din il-ħsara hi ta' natura permanenti, u wasslet għal telf tal-funzjoni tal-għajn li hija ta' 5%. Dr Soler ikkonstata li l-attur jista' jmur xogħol, sakemm xogħlu jkun fuq ġewwa, bogħod mid-dawl dirett. Tal-istess fehma kien Dr Mario Vella, li wkoll eżamina lill-attur u ppreżenta r-rapport tiegħu.[4]

L-attur **Ronald Caruana** xehed bil-mezz tal-*affidavit*[5], fejn ikkonferma li fiż-żmien li fih hu ta x-xhieda tiegħu, hu kien impjegat ma' J.F. Services Limited bħala *inspector* ġewwa l-Impjant ta' Sant'Antnin, għalkemm fil-passat hu kien impjegat bħala *sorter,* fejn ix-xogħol tiegħu kien jinvolvi l-għażla tal-iskart bi proċess manwali minn fuq *conveyor-belt.* L-attur qal li l-kumpannija WasteServ kienet forniet uniformi konsistenti f'*safety-shoes, bib* u *overall,* li kienu jintlibsu fuq l-uniformi. Spjega kif fl-1 ta' Diċembru, 2012 hu kien intalab jagħmel xogħol ta' *sorting* differenti fis-sens li minflok jagħżel l-iskart minn fuq *conveyor-belt,* kien intalab jagħżel l-iskart mill-art, sabiex imbagħad ikun jista' jinġabar bil-gaffa u jintefa' ġo *hopper* minn fejn imbagħad jittella' fuq il-*conveyor-belt.* Qal ukoll li dakinhar hu ma ngħata ebda ilbies protettiv ieħor bħalma huma *safety glasses* jew *goggles.* L-attur spjega li l-inċident seħħ meta daħlet il-gaffa, imliet it-tagħbija tagħha, u hija u ħierġa ġibdet korda tal-azzar li weħlet mal-barmil tal-gaffa ġol-munzell tal-ħadid. L-attur qal li hekk kif għolla rasu mill-art, sab din il-korda tal-azzar ma' wiċċu u ma setax jisakpulaha, bil-konsegwenza li weġġa' għajnejh. Qal li dak il-ħin beda jara isfar, tant li ttieħed il-klinika ta' Raħal Ġdid fejn it-tobba li eżaminawh qalulu li m'għandu xejn permanenti. L-attur qal li hu ngħata taqtir għal għajnejh, iżda baqa' muġugħ u jara mżelleġ, u anki d-dawl baqa' jdejqu u kien għalhekk li mar għand it-tabib

[4] *A fol.* 19 tal-proċess.
[5] *A fol.* 30 tal-proċess.

kuranti tiegħu, u wara rah it-tabib tax-xogħol li kien għadu ma invistahx. Kien it-tabib tax-xogħol li hekk kif ra l-istat li kienet fiha għajn l-attur, bagħtu l-Isptar u qallu biex ma jirritornax ix-xogħol. L-attur qal li hu mar l-Isptar fejn ingħata l-kura, u minħabba li ġie stabbilit li kienet telgħetlu l-pressjoni f'għajnejh, beda jsir *monitoring* tal-għajn b'mod regolari. Huwa kompla jgħid li b'kollox għamel sitt xhur ma jidħolx xogħol, u li meta rritorna għal ġurnata xogħol, sab li ma setax ikompli jagħmel ix-xogħol li kellu qabel minħabba l-għabra li kien hemm. Hu ntalab ukoll jixtri nuċċali protettiv. Qal ukoll li hekk kif informa lis-soċjetà J.F. Services Limited li hu ma setax ikompli jagħmel ix-xogħol li kellu qabel, ix-xogħol tiegħu inbidel u ntalab jibda jagħmel xogħol ta' *inspector.* Huwa kompla jgħid kif konsegwenza ta' dan l-inċident, huwa tilef il-ħabba ta' għajnu tax-xellug u b'hekk tilef il-*focus* tagħha, bil-konsegwenza li għajnu l-oħra issa qiegħda tgħejja ħafna, tant li kellu bżonn jagħmel nuċċali tal-vista li jrid jinbidel kull ftit xhur, sabiex isir l-aġġustament tal-vista. Qal ukoll li huwa qatt ma jista' jerġa' jiġi kif kien qabel l-inċident. L-attur ikkonkluda billi qal li wara l-inċident tiegħu, kien hemm episodju ieħor fejn impjegat weġġa' għajnejh, u li wara dan l-inċident il-WasteServ bdiet tagħti tagħmir protettiv apposta għall-għajnejn, għalkemm wara xi żmien ix-xogħol tas-*sorting* ma baqax isir minħabba fil-periklu għall-ħaddiema. L-attur ippreżenta għadd ta' rċevuti dwar danni materjali li huwa sofra, kif ukoll ressaq il-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward tat-telf ta' qligħ futur li huwa jippretendi li għandu jiġi kkumpensat tiegħu mill-konvenuti.[6]

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2015 xehed **Manuel Camilleri**[7], li huwa wkoll kien jaħdem bħala *sorter* mal-WasteServ, li qal li dakinhar tal-inċident hu u l-attur

[6] Kopji tal-irċevuti *a fol.* 43 sa 55 tal-proċess.
[7] *A fol.* 60 tal-proċess.

kienu qegħdin jagħżlu l-ħadid sabiex ikun jista' jiġi riċiklat. Qal li biex isir is-sorteġġ, il-ħadid jintgħażel mill-art u jitpoġġa fuq *conveyer belt,* u li biex isir dan, ħaddiem irid jitbaxxa mal-art minn bilwieqfa. Ix-xhud kompja jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident, hu kien ra l-gaffa timla l-*bucket,* li mtela u hekk kif din imxiet lura, kien hemm *wire* li ġie milqut bih l-attur. Ix-xhud qal ukoll li l-attur ma kellux *goggles* protettivi biex jaħdem bihom dakinhar, u li fuq il-post tax-xogħol inkwistjoni mhux kulħadd kellu *goggles* bħal dawn, għalkemm wara l-inċident inkwistjoni, kulħadd kien ingħata ilbies protettiv adegwat.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Adrian Spiteri**[8], li wkoll kien impjegat mal-WasteServ bħala *sorter,* li qal li filwaqt li kien qiegħed jagħżel l-iskart minn mal-art, xħin qam ra l-banju tal-gaffa. Dan ix-xhud ukoll ikkonferma li l-inċident li fih indarab l-attur seħħ waqt li hu u ż-żewġ ħaddiema l-oħra, fosthom l-attur, kienu wiċċhom mal-art qegħdin jagħżlu l-iskart, u waqt li l-gaffa kienet qed tirriversja, xħin għola l-attur intlaqat minn *wire* tal-azzar li kien fil-*bucket* tal-gaffa. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident, huwa kellu nuċċali protettiv, iżda l-attur ma kellux. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attur m'għadux jagħmel l-istess xogħol wara li kellu dan l-inċident.

Fl-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2015 xehed **David Saliba,** mill-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol[9], li qal li l-Awtorità ma ġietx infurmata bl-inċident inkwistjoni, la minn Ronald Caruana u lanqas minn xi waħda mis-soċjetajiet konvenuti. Ix-xhud qal li jkun hemm każijiet fejn l-Awtorità tiġi infurmata li seħħ incident fuq il-post tax-xogħol mill-Pulizija jew mill-paramediċi fl-Isptar, għalkemm hemm obbligu fuq l-*employers* li jirrappurtaw lill-Awtorità kull darba li jseħħ incident fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Ix-xhud

[8] *A fol.* 64 tal-proċess.
[9] *A fol.* 69 tal-proċess.

qal li mir-riċerka li għamel irriżulta li filwaqt li l-WasteServ għandha *Health and Safety Officer* fuq il-lant tax-xogħol u kienu saru diversi spezzjonijiet minn fejn irriżulta li din tosserva l-obbligi tagħha fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, hu ma sab xejn fir-rigward tas-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited. Hu kompla jispjega li l-Awtorità tinvestiga anki fejn ikollha rapport anonimu, għalkemm f'dan il-każ jirriżulta li ħadd ma għamel rapport, la l-attur u lanqas xi waħda mis-soċjetajiet konvenuti.

Fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2015 xehed **Dr Pierre Farrugia**, tabib li jaħdem fl-emerġenza tal-oftalmoloġija tal-Isptar Mater Dei[10], li qal li minkejja li l-inċident kien seħħ fl-1 ta' Diċembru, 2012, l-attur kien mar l-Isptar xi ġranet wara, proprju fil-11 ta' Diċembru, 2012, fejn kien ġie kkonstatat li mad-daqqa, il-ħabba ta' għajn l-attur kienet baqgħet paralizzata, it-terminoloġija medika hi '*traumatic medrosis'.* Ix-xhud qal li dan ifisser li minħabba d-daqqa li qala' l-attur, il-muskolu tal-għajn ma baqax jirreaġixxi kompletament, u dan wassal għal telf tal-vista. Bħala konsegwenza ta' dan, qal ix-xhud, l-attur isofri minn tnaqqis fil-vista meta jkun hemm dawl qawwi f'għajnejh, bħad-dawl tal-*bright* ta' vettura, dawl tax-xemx, dwal ta' bozza. Irriżulta wkoll li l-attur għandu l-pressjoni f'għajnejh (*glaucoma*), għalkemm peress li din il-problema hija manifesta f'għajnejh it-tnejn, ix-xhud qal li din mhijiex neċessarjament b'riżultat tal-inċident. Ix-xhud ikkonferma li hu kien eżamina lill-attur fl-aħħar xhur, u li minn dan l-eżami sab li l-ħabba tal-għajn baqgħet ipparalizzata, u għalhekk hemm il-probabbilità li din ser tibqa' hekk. Ix-xhud qal li dan iwassal għal telf tal-vista, u nuqqas ta' viżjoni u ċpar meta jkun hemm ħafna dawl. Hu kompla jgħid li peress li l-għajn baqgħet difettuża, l-attur irid joqgħod attent mit-tip ta' xogħol li jista' jagħmel. Ix-xhud ikkonferma li hu kien ra r-rekords

[10] *A fol.* 78 tal-proċess.

tal-attur qabel l-inċident, u li minn dak li sab ma rriżultalux li l-attur kellu xi problemi f'għajnejh qabel l-inċident.

Fid-29 ta' Ottubru, 2015 xehed **Mr Franco Mercieca**[11], kirurgu fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija tal-Isptar Mater Dei li kkonferma li bil-kundizzjoni li għandu l-attur, dan ikollu "*over exposure*" ta' dak li jara, minħabba li l-għajn ma tikkontrollax l-ammont ta' dawl li jidħol fiha. Ix-xhud ikkonferma wkoll li din il-kundizzjoni timmanifesta ruħha wara *injury* biss, u li din mhix xi tip ta' kundizzjoni li persuna jista' jitwieled biha. Ix-xhud qal li dik it-tip ta' ħsara fl-għajn tikkawża ħsara permanenti. Fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2016 xehed **Mr Thomas Fenech**[12], li hu konsulent fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija tal-Isptar Mater Dei, u li qal li hu kien iċċertifika lill-attur meta weġġa'. Ix-xhud spjega x'kienet ir-raġuni li għaliha kien ta lill-attur *disability rating* ta' 10% għall-vista u 5% għall-ġisem kollu billi qal hekk:

> "… hu kien baqa' bil-ħabba t'għajnejh kbira. As a result, il-vision tiegħu kienet imnaqqsa minn 269 vision, mhux riduzzjoni kbira ħafna imma biżżejjed li ttellfu ftit u t-tieni ħaġa hi li minħabba li l-ħabba kbira kien qed ibati b'ħafna *glare*. Meta jkun qed isuq, meta jkun qed jagħmel ċertu xogħlijiet ħa jbati. It-tielet ħaġa li ħa jbati wkoll minħabba li baqgħetlu kbira l-ħabba meta jiġi biex jaqra għax hu ma jkollux ammont ta' *occomodation* ngħidulha. Jiġifieri overall il-*permanent disability*, dawn mhux numri li ħadthom jiena mill-arja, huma skont l-American Academy of Opthalmology li tagħti *disability rating*."

Ix-xhud ikkonferma li l-*injury* li ra fuq l-attur kienet kompatibbli ma' *blunt injury* severa fuq l-għajn, u peress li meta eżamina lill-attur ftit xhur wara l-inċident dan kien għadu bl-istess problemi tal-vista, huwa probabbli ħafna li l-attur ser jibqa' b'dawn il-problemi għal ħajtu kollha.

[11] *A fol.* 102 tal-proċess.
[12] *A fol.* 108 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2016 xehed **Alex Borg**[13] in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited, li qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hu kien *human resources manager* mal-imsemmija soċjetà. Dan ix-xhud qal li l-attur kien impjegat fuq *labour hire contract* ma' J. F. Services Limited u dan fiż-żmien li fih l-imsemmija kumpannija rebħet it-*tender* għas-sorteġġ tal-iskart. Qal ukoll li l-attur kien jieħu struzzjonijiet mingħand il-WasteServ, u li l-WasteServ kienet responsabbli sabiex tassigura li l-impjegati li qegħdin jaħdmu fl-impjant tagħha għandhom ilbies protettiv. Ix-xhud madanakollu qal li hu ma kienx ikun preżenti fl-impjant, u li jaf b'dan minħabba li kien hemm klawsola fil-kuntratt li kienet tistabbilixxi li l-WasteServ għandha tforni ilbies protettiv lill-ħaddiema tagħha. Qal ukoll li l-*health and safety officer* fl-impjant kien impjegat tal-WasteServ u li dan l-istess uffiċjal kellu r-responsabbilità li jagħmel *risk assessments* hu. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*pay slips* tal-attur.[14]

Fl-istess udjenza xehed **Stefan Salamone**, *health and safety officer* mal-WasteServ[15], li iżda ma kienx għadu daħal fil-kariga fiż-żmien li fih seħħ l-inċident. Ix-xhud ippreżenta dokument iffirmat mill-attur, li jindika li dan kien ingħata ilbies protettiv mingħand il-WasteServ[16], fosthom qomos, *braces*, ilbies *high visibility* u *safety shoes.* Ġie esebit ukoll dokument li jindika li fis-sena li fiha seħħ l-inċident, il-WasteServ kienet xtrat ilbies protettiv li jinkludi *safety glasses.*[17] Ix-xhud qal ukoll li bħala regola, il-ħaddiema fl-impjant kienu jingħataw ħwejjeġ protettivi u mhux tagħmir ieħor bħal nuċċalijiet protettivi, li x-xhud qal kienu jingħataw biss mis-*supervisor* meta ħaddiem iħoss li x-xogħol li qiegħed jagħmel huwa ta' periklu għal għajnejh. Ix-xhud kompla jgħid li fir-

---

[13] *A fol.* 115 tal-proċess.
[14] *A fol.* 120 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 127 tal-proċess.
[16] *A fol.* 134A tal-proċess.
[17] *A fol.* 134B tal-proċess.

rekords tal-kumpannija, hu kien sab dokumentazzjoni li tindika li l-attur kien intlaqat minn fildiferru f'għajnejh, u li kien rappreżentant tal-kumpannija WasteServ li bagħtu għand tabib u sussegwentement imtliet l-applikazzjoni għal *injury leave* li tiġi mibgħuta lill-OHSA. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' dokument dwar *health and safety risk assessment* li kien sar għall-WasteServ Limited f'Settembru tal-2010[18], liema dokument ġie aġġornat f'Ġunju tal-2012.[19]

Fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2016 xehed **Marco Putzulo Caruana**[20], li kien uffiċjal inkarigat mis-sigurtà fl-impjant tal-WasteServ fiż-żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li jiftakar li l-attur kien involut f'inċident fl-impjant tal-WasteServ. Mistoqsi jiftakarx jekk dakinhar tal-inċident l-attur kienx liebes ilbies protettiv, ix-xhud qal li l-WasteServ kienet tforni lill-impjegati tagħha ilbies protettivi bażiċi bħal *safety shoes,* ġkieket, ingwanti, u li kien hemm tagħmir protettiv ieħor bħal elmi u nuċċalijiet protettivi li ma kinux jinħtieġu għal kull biċċa xogħol li ssir, u li għalhekk kienu jinżammu mis-*supervisor* u jingħataw biss lil min jitlobhom. Ix-xhud ikkonferma li l-ilbies protettiv li kellu jintlibes minn *sorter* kien jinkludi *safety shoes,* ġakketta, u ingwanti, għalkemm ma setax jiftakar jekk kienx rakommandat minnu stess fir-rapport li ħejja, li l-attur jingħata nuċċali protettiv.

L-attur esebixxa nota li permezz tagħha spjega lill-Qorti li apparti x-xogħol tiegħu mal-WasteServ fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, hu kien jaħdem ukoll

[18] *A fol.* 135 tal-proċess.
[19] Kopja *a fol.* 221 tal-proċess.
[20] *A fol.* 252 tal-proċess.

bħala *self-employed driver* fil-Freeport, minn fejn iddikjara dħul fl-ammont ta' €14,312 għas-sena 2015.[21]

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2017, xehdet **Carina Azzopardi**[22], li hija HR manager mas-soċjetà konvenuta J. F. Services Limited, u li qalet li s-soċjetà J.F. Services Limited tipprovdi ħaddiema għal *labour hire services* lil WasteServ. Hija qalet li dan l-arranġament bejn iż-żewġ soċjetajiet ilu fis-seħħ mis-sena 2010. Hija spjegat id-dinamika ta' din ir-relazzjoni bejn iż-żewġ soċjetajiet konvenuti u impjegati bħalma kien l-attur, b'dan il-mod:

> "Il-WasteServ tibgħatilna karta bħal din fejn tgħid li trid timpjega. Jien ġibt ta' Ronald Caruana, hemm il-paga, *allowances*, il-*working hours*, fejn ħa jaħdem u l-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat. Aħna nċemplu lill-impjegat, nagħmlu kuntratt miegħu u jiġi impjegat magħna, imma bħala *management* u *rosters* u *working hours, health* u *safety* kollox, dak kollox f'idejn il-WasteServ. Aħna kemm inħallsu l-paga ta' dan l-impjegat."

Ix-xhud ikkonfermat li meta l-persuni li hi timpjega jmorru jaħdmu mal-WasteServ, hija l-WasteServ li tkun responsabbli mis-saħħa u s-sigurtà tagħhom. Hi qalet ukoll li l-attur m'għadux impjegat ma' J. F. Services Limited u lanqas m'għadu jidher fuq il-kotba tal-istess soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Stefan Salomone**[23], li qal li l-WasteServ tuża s-servizzi ta' J.F. Services Limited sabiex issib ħaddiema skont il-ħtiġijiet tagħha. Ix-xhud qal li l-WasteServ tagħti taħriġ lill-ħaddiema li tkun ser tirrekluta magħha, liema taħriġ jinkludi taħriġ bażiku dwar is-saħħa u s-sigurtà, sabiex dawn ikollhom għarfien tal-perikli f'dak il-post tax-xogħol

[21] Dokumentazzjoni rilevanti *a fol.* 259 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 269 tal-proċess.
[23] *A fol.* 275 tal-proċess.

partikolari. Ix-xhud qal li l-WasteServ tieħu ħsieb tipprovdi diversi tipi ta' ilbies protettiv, minn żraben sa maskli tal-gass u protezzjoni minħabba mikrobi li jista' jkun hemm fl-arja. Ix-xhud qal ukoll li dan l-ilbies ma jingħatax lil kulħadd, u lanqas ma jintlibes għal kull tip ta' xogħol. Ix-xhud madanakollu ma setax jikkonferma jekk fil-ġurnata tal-inċident, l-attur kienx ingħata *goggles* jew nuċċali protettiv. L-unika dokumentazzjoni li sab ix-xhud kienet dik li tindika li l-attur kien ingħata *high visibility vest, safety shoes, braces* u *t-shirts.*

Fl-udjenza tal-20 ta' April, 2017 xehed **Paul Mercieca**[24], prodott mis-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited, li qal li hu impjegat bħala *procurement officer* ma' WasteServ, għalkemm fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hu kien jaħdem bħala *supervisor* mal-istess kumpannija. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar tal-inċident hu kien fuq is-sit, iżda ma kienx preżenti fil-viċinanzi tal-attur meta dan weġġa'. Jaf biss li l-attur kien mar fuqu jżomm għajnejh u qallu li kienet daħlitlu biċċa fildiferru f'għajnu. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien liebes ilbies protettiv meqjus bħala *standard,* li jikkonsisti minn *high visibility vest,* żarbun u ingwanti. Qal li wara l-inċident, l-inġinier Mario Agius kien bagħatlu *email* fejn qallu jitlob lista ta' *safety equipment* li suppost għandhom is-*sorters* sabiex jiġi assigurat li dawn għandhom it-tagħmir protettiv neċessarju kollu. Dan ix-xhud qal ukoll li xi ħaddiema kienu qalulu li ma kinux jilbsu l-*goggles* minħabba li dawn jikkawżaw ħafna sħana. Ix-xhud esebixxa wkoll kopji ta' korrispondenza interna li turi li meta l-attur irritorna lura x-xogħol, dan ma setax jaħdem fl-istess post fejn kien jaħdem qabel, u kien għalhekk li dan ingħata l-fakultà li jmur f'post aktar adegwat biex jaħdem fih.[25]

[24] *A fol.* 283 tal-proċess.
[25] Kopji tal-*emails a fol*. 299 *et seq.* tal-proċess.

Fit-23 ta' Ottubru, 2017 xehed in kontroeżami l-attur **Ronald Caruana**[26], li qal li meta kien imur jaħdem il-WasteServ hu kien jieħu l-istruzzjonijiet mingħand il-*foreman* tal-WasteServ. L-attur ġie mistoqsi jekk hu qattx ġibed l-attenzjoni ta' xi ħadd mis-superjuri tiegħu li l-ilbies li kien ingħatta biex jaħdem bih ma kienx adegwat, u dan wieġeb fin-negattiv. Hu kompla jgħid li hu mhux b'ħadida weġġa', iżda b'*cable rope* li kien *wire* tal-azzar li daħal fil-gaffa. Qal li hu kien qiegħed jaħdem mal-art, u li kif għolla rasu, sab dan il-*wire* ma' wiċċu u faqa' għajnejh. L-attur ikkonferma li hu qatt ma ngħata nuċċali protettiv biex jagħmel ix-xogħol tas-sorteġġ. Hu spjega li ma kienx jaf li hemm *wire* tal-azzar imwaħħal mal-gaffa, u li dan il-*wire* kien parti mill-iskart li kien qiegħed jiġi ssortjat, li b'xi mod weħel mal-borġ ħadid li kien qiegħed jinġarr mill-gaffa. Qal li hu ma setax jarah dan il-*wire* tal-azzar minħabba li kien wiċċu 'l isfel u li lanqas ma seta' jevitah hekk kif għolla rasu. L-attur qal li minkejja li eżatt wara l-inċident hu ttieħed il-poliklinika ta' Raħal Ġdid u dawn qalulu li m'għandu xejn, madwar erbat ijiem wara beda jinduna li ma kienx ġej għall-aħjar, u kien iddeċieda li jmur għand it-tabib tiegħu, li kkonferma li l-attur kellu l-ħabba t'għajnu mifqugħa. Qal ukoll li fil-ħin preċiż meta kien għand it-tabib tiegħu, kien mar jarah id-dar it-tabib tax-xogħol, u li dawn it-tobba tkellmu bejniethom u qablu li l-attur kellu jmur l-Isptar għal aktar kura. L-attur kompla jgħid li fl-2015 is-soċjetà konvenuta J. F. Services Limited kienet bagħtitu jaħdem mal-kumpannija Blokrete, f'ambjent fejn hemm ħafna trab, u li huwa kien irrifjuta li jmur jaħdem hemm sabiex jevita li jkompli jagħmel ħsara lil għajnejh. Hu kkonferma li madanakollu għadu impjegat fil-Freeport bħala xufier fuq bażi *part-time.* Mistoqsi jekk jafx il-ħaddiema l-oħra ngħatawx

[26] *A fol.* 310 tal-proċess.

nuċċali protettiv sabiex jaħdmu fl-impjant tal-WasteServ, l-attur qal li hu qatt ma ra lil ħadd jilbes nuċċali biex jagħmel ix-xogħol tas-*sorting.*

Fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2017 xehed in kontroeżami **Adrian Spiteri**[27], li qal li hu kien ilu jaħdem bħala *sorter* mill-bidu li daħal jaħdem fl-impjant tal-WasteServ fl-2004. Qal li kien hemm diversi drabi li fihom ħadem mal-attur. Hu spjega li x-xogħol tas-*sorting* jinvolvi l-għażla ta' materjal goff li m'għandux jitpoġġa fuq *conveyor-belt,* u qal li s-sewwieq tal-gaffa jidħol biex jgħaffeġ il-materjal xħin jara li jkun hemm ammont sostanzjali ta' materjal li nġabar. Ix-xhud qal ukoll li xħin resaq tal-gaffa biex jiġbor il-materjal, il-ħaddiema li kienu qegħdin jagħmlu s-*sorting* resqu mal-ġenb, għalkemm b'xi mod l-attur intlaqat f'għajnejh minn *wire* li nqabad mal-materjal. Qal li hu ma rax lill-attur jintlaqat f'għajnejh, rah biss jgħatti għajnejh b'idu.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Emanuel Camilleri**[28], li qal li hu kien ħadem mal-attur diversi drabi qabel seħħ l-inċident. Ix-xhud intalab jispjega l-proċess tas-*sorting* u l-involviment tax-xufier tal-gaffa f'dan kollu x'ikun. Ix-xhud qal li x-xogħol jinvolvi sorteġġ fl-art, imbagħad tiġi l-gaffa u titfa' l-materjal fil-*hopper* biex jgħaddi minn fuq il-*conveyer-belt.* Ix-xhud qal li meta weġġa' l-attur hu kien jinsab f'distanza ta' madwar ħmistax-il pied bogħod mill-gaffa. Ix-xhud ikkonferma li mhux il-każ li fil-ħin li fih seħħ l-inċident l-attur kien f'post li ma kellux ikun fih f'dak il-ħin.

[27] *A fol.* 336 tal-proċess.
[28] *A fol.* 346 tal-proċess.

Fl-udjenza tad-19 ta' April, 2018 xehed **Carmel Bonanno**[29], li kkonferma li hu impjegat mas-soċjetà J.F. Services Limited, għalkemm jaħdem fl-impjant tal-WasteServ, u li qal li fl-2012 meta seħħ l-inċident hu kien jaħdem ma' kuntrattur privat bħala sewwieq tal-gaffa. Ix-xhud qal li x-xogħol li jagħmel hu kien jinvolvi l-ġbir tal-materjal mill-art bil-gaffa, li mbagħad kien jitferrex sabiex is-*sorters* ikunu jistgħu jeliminaw l-iskart goff bħal *plastics* u ħadid goff b'idejhom. Ix-xhud qal li kien hu s-sewwieq tal-gaffa dakinhar li seħħ l-inċident, u li dak il-ħin meta ntlaqat l-attur, lilu ħadd ma qallu xejn. Qalulu biss li l-attur kien weġġa' għajnejh madwar tlett ijiem wara l-inċident. Ix-xhud ikkonferma li ħadd mis-superjuri tiegħu ma qallu xejn dwar l-inċident. Ikkonferma wkoll li sabiex tidħol il-gaffa fis-sit, is-*sorters* li jkunu qegħdin jaħdmu mal-art bilfors iridu jersqulha, inkella tista' tweġġagħhom jew saħansitra toqtolhom. Hu qal ukoll li dakinhar li seħħ l-inċident ma osserva xejn li mhux normali fuq il-post tax-xogħol.

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti sejra tikkonsidra l-evidenza ppreżentata waqt din il-kawża sabiex tiddetermina jekk hemmx responsabbilità x'tinġarr mill-konvenuti, jew minn xi ħadd minnhom, għad-danni sofferti mill-attur. Madanakollu qabel tgħaddi għall-evalwazzjoni tal-provi sabiex tiġi stabbilita r-responsabbilità għall-akkadut, il-Qorti sejra tikkonsidra l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-konvenuti fejn sostnew li m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika ma' mart l-attur u l-fatt li hi ġiet indikata bħala waħda mill-persuni interessati f'din il-kawża. Il-Qorti tqis li anke jekk il-preżenza ta' mart l-attur ma kinitx

[29] *A fol.* 375 tal-proċess.

strettament meħtieġa f'dawn il-proċeduri, l-inklużjoni tagħha fil-kawża bl-ebda mod ma tirrendi dawn il-proċeduri nulli. L-interess ta' mart l-attur fil-proċeduri odjerni hu mnissel mill-fatt li kull meta membru ta' familja, hu min hu, isofri minn debilità permanenti kkawżata minn inċident, huma l-membri kollha tal-familja li jiġu affettwati b'mod dirett, kull spiża li ssir b'rabta ma' xi trattament mediku meħtieġ ta' bilfors taffettwa lill-membri kollha tal-familja, u jekk ikun hemm bidliet fl-istil ta' ħajja, imqar persuna tagħmel żmien ma tmurx ix-xogħol jew tattendi għal visti fl-isptar, dan kollu jaffettwa l-ħajja tal-familja fl-intier tagħha, u għalhekk m'hemmx lok fejn il-konvenuti jeċċepixxu nullità ta' dawn il-proċeduri in vista tan-nuqqas ta' interess da parti ta' mart l-attur, jew in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika tagħhom magħha.

Jirriżulta li l-attur kien ġie ingaġġat mas-soċjetà konvenuta J. F. Services Limited wara li din rebħet *tender* biex tissuplixxi lis-soċjetà WasteServ Limited b'numru ta' impjegati sabiex jaħdmu bħala *sorters* fl-impjanti tagħha. L-amministrazzjoni ta' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' dan il-kuntratt ta' impjieg partikolari, kienet fdata f'idejn J. F. Services Limited, għalkemm il-ħaddiema hekk ingaġġati kienu jaħdmu fis-siti tal-WasteServ u kienu jieħdu ordnijiet u jiġu sorveljati minn uffiċjali tal-WasteServ.

L-attur ġie ingaġġat bħala *sorter,* u xogħlu kien jinkludi s-sorteġġ tal-iskart goff billi dan jintgħażel mill-art u jitpoġġa fuq *conveyor-belt* permezz ta' gaffa. L-attur safa mweġġa' meta għolla rasu mill-art minn fejn kien qiegħed jaħdem, u biċċa ħadida jew fildiferru li nqabdet mill-gaffa li kienet qiegħda tiġbor il-materjal, daħlitlu f'għajnejh. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-attur ittieħed il-poliklinika ta' Raħal Ġdid għall-kura, fejn il-paramediċi li nvistawh qalulu li ma kellu xejn, wara xi jiem hu kellu jmur għand it-tabib kuranti tiegħu, li kif rah

bagħtu l-Isptar. Tal-istess fehma jidher li kien it-tabib ingaġġat mis-soċjetà konvenuta, li hekk kif ra lill-attur talbu jmur l-Isptar u saħansitra qallu biex ma jirritornax ix-xogħol sakemm jingħata l-kura. Tobba u esperti oftalmoloġiċi li xehdu f'din il-kawża ilkoll qablu dwar in-natura tal-ħsara li l-attur sofra f'għajnejh, u dwar id-diffikultajiet li dan għad għandu minħabba l-inċident inkwistjoni, fosthom il-problemi li jkollu meta jsib ruħu f'sitwazzjoni fejn ikun hemm dawl qawwi, il-fatt li ma jistax jaħdem f'ambjent fejn ikun hemm it-trab, u l-fatt li l-vista tiegħu hija mċajpra minħabba *over-exposure* tal-ħabba ta' għajnu li ġiet affettwata. L-istess esperti mediċi li xehdu lkoll kienu tal-fehma li kundizzjoni bħal dik li qiegħed isofri minnha l-attur tirriżulta wara inċident, jew wara trawma fl-għajnejn, u mhix xi kundizzjoni li wieħed jista' jitwieled biha. Jirriżulta wkoll li l-attur qatt ma lmenta minn problemi f'għajnejh qabel dan l-inċident.

Is-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited tikkontendi li hi m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-akkadut in vista tal-fatt li hi ma kinitx responsabbli mis-sit fejn kien qiegħed jaħdem fih l-attur, u li kwistjonijiet marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fl-impjant tal-WasteServ, bħalma huma l-provvista ta' ilbies u tagħmir protettiv lill-ħaddiema, u taħriġ fis-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol kienu interament imħollija f'idejn WasteServ u li hi ma kellha ebda kontroll fuqhom. Madanakollu l-Qorti tosserva li bħala kumpannija li tipprovdi ħaddiema sabiex jiġu reklutati skont il-bżonn, is-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited kellha obbligu li tassigura li l-ħaddiema ingaġġati minnha qegħdin jintbagħtu jaħdmu f'ambjent sigur u fejn saħħithom tkun mħarsa. F'sentenza fl-ismijiet **Kenneth Borg *vs.* FXB Joiners Ltd**[30], jsir

[30] P.A., 26.06.2014.

riferiment għal għadd ta' sentenzi dwar id-dmirijiet kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiema. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward tal-obbligi ta' min iħaddem:

> "Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawża, fl-ismijiet **John Sultana vs Francis Spiteri et noe,** deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1979, '*min iħaddem għandu dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għal min ikun qed jaħdem.'*
>
> Ġie ritenut ukoll li *'a safe system of work u a safe working environment ifissru li min iħaddem hu obbligat li jassigura li 'l-makkinarju u l-istrutturi pprovduti minn min jagħti x-xogħol għandhom jiġu regolarment mantenuti u miżmuma ħielsa minn difetti u mankanzi'* – **Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq noe et.** (Ċit. Nru. 11/92 DS).
>
> Inoltre, ġie ndikat li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-ħaddiema tiegħu jkunu mħarrġa għat-tip ta' xogħol li jkunu mqabbda jagħmlu."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Raymond Psaila *vs.* Pisciculture Marine de Malte Limited**[31], il-Qorti qalet:

> "Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilità dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilità għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.
>
> Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xierqa ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu *'a safe system of work'*) fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilità fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun

[31] P.A.,29.09.2011.

seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem. Huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dik is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi."

Is-soċjetà J.F. Services Limited kienet obbligata tassigura li l-ħaddiema ingaġġati minnha jintbagħtu jaħdmu f'post tax-xogħol li jkun kemm jista' jkun ħieles mill-perikli, u li fih il-ħaddiema tagħha jkunu siguri. Jirriżulta iżda li s-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited kienet temmen li l-obbligi tagħha fil-konfront tal-ħaddiema ingaġġati minnha kienu jestendu biss sa fejn dawn isirilhom il-kuntratt ta' impjieg u tinħarġilhom il-paga, filwaqt li kwistjonijiet fundamentali daqs il-ħlas tal-paga, bħas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, jidher li tħallew f'idejn min kien jopera s-sit fejn kienu jaħdmu dawn il-ħaddiema, f'dan il-każ is-soċjetà konvenuta l-oħra WasteServ. Jirriżulta wkoll li lanqas wara dan l-inċident, is-soċjetà konvenuta ma ħadet l-obbligi tagħha b'serjetà, tant li l-Qorti semgħet lill-attur jixhed li fl-2015 is-soċjetà J. F. Services Limited bagħtitu jaħdem f'post tax-xogħol fejn kien hemm ħafna trabijiet b'dannu għal saħħtu, u dan minkejja li wara l-inċident li kellu, lanqas bħala *sorter* fl-impjant tal-WasteServ ma seta' jkompli jaħdem minħabba t-trab u l-mikrobi li kien hemm fil-post, u kien intbagħat jaħdem fi rwol ieħor fl-istess impjant. Kienet din id-deċiżjoni tas-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited li tibgħat lill-attur jaħdem fl-impjanti ta' Blokrete Limited, li wasslet lill-attur biex ikollu jitlaq mill-impjieg li kellu mas-soċjetà konvenuta u dan peress li hu ma jistax jaħdem f'ambjenti fejn ikun hemm ħafna trab minħabba

l-problema li għandu f'għajnu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, is-soċjetà J. F. Services Limited ma tistax targumenta li ma kinitx hi li tħaddem lill-attur direttament, sabiex teżimi ruħha mir-responsabbilità tagħha bħala prinċipal.

Lill-Qorti jirriżultalha wkoll li minkejja l-ambjent li jridu jaħdmu fih il-ħaddiema tal-WasteServ, li jinkludu ħaddiema rreklutati minn ma' kumpanniji li jikkontrattaw ħaddiema għal xogħlijiet temporanji bħalma hi s-soċjetà konvenuta J. F. Services Limited, is-soċjetà konvenuta WasteServ naqset milli tipprovdi ilbies protettiv adegwat lill-ħaddiema li jkunu qegħdin iwettqu x-xogħol fuq is-sit operat minnha. Il-Qorti semgħet xhieda jispjegaw kif fuq is-sit inkwistjoni kien hemm insetti u materjal perikoluż, u f'post tax-xogħol li fih jaħdmu għadd ta' persuni kuljum, tħalla f'idejn il-ħaddiem li jiddeċiedi jekk ċertu tagħmir protettiv, bħalma huma elmu u nuċċali protettiv, għandhomx jintalbu lis-*supervisor.* Jidher ċar li fejn jidħlu kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà, is-soċjetà konvenuta WasteServ Limited kienet tittollera ċertu laxkezza fuq il-post tax-xogħol, u ċertament m'għandux ikun li l-ħaddiem jiddeċiedi li nuċċali protettiv ma jilbsux għax jagħmillu s-sħana, jew li kien hemm għadd ta' ħaddiema li kellhom dan it-tagħmir protettiv u oħrajn li ma kellhomx. Il-konvenuti ppruvaw jargumentaw li l-attur kien x'imkien fejn mhux suppost li kien jew li meta daħlet il-gaffa dan ma resaqx fil-ġenb bħalma għamlu sħabu, iżda dak li ġie allegat mill-konvenuti ma jirriżulta minn imkien mill-provi li semgħet il-Qorti. Jirriżulta biss li f'ambjent tax-xogħol bħalma hu l-impjant tal-WasteServ kellek sitwazzjoni fejn mhux il-ħaddiema kollha kellhom l-istess tagħmir protettiv, u li anki fost dawk li kellhom dan it-tagħmir, donnu kien hemm għażla jekk jilbsuhx jew le.

F'dan ir-rigward, il-liġi hija ċara, bl-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-Kap. 424) jistabbilixxi id-dmirijiet ta' min iħaddem fl-artikolu 6 tiegħu:

"6 (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:

Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:

Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbilità ta' min iħaddem.

(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri:-

(a) li jiġi evitat riskju;
(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;
(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak kollu li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;
(f) billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;
(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;
(h) billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u
(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol,

ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol."

Il-Qorti tqis li mill-provi miġjuba jirriżulta li s-soċjetajiet konvenuti t-tnejn li huma naqsu milli jottemperaw ruħhom mad-dispost tal-liġi, tant li lanqas ir-*risk assessment report* li sar fl-2010 ma kien jinkludi l-gradi kollha ta' xogħol fil-WasteServ u kif il-ħaddiema li jagħmlu dak ix-xogħol jistgħu jipproteġu ruħhom. Lanqas mhu aċċettabbli li fejn jiġi stabbilit li hemm riskju, ikun hemm tagħmir protettiv li jingħata biss b'mod selettiv lil numru ta' ħaddiema u mhux lil oħrajn, jew li min iħaddem iħalli l-għażla lill-ħaddiem jitlobx it-tagħmir protettiv jew le. Hu hawnhekk li l-Qorti tqis li s-soċjetajiet konvenuti t-tnejn li huma naqsu, u għalhekk qiegħed jiġi stabbilit li l-inċident soffert mill-attur Ronald Caruana jaħtu għalih iż-żewġ soċjetajiet konvenuti in vista tan-nuqqas ta' osservanza ta' dak li tistabbilixxi l-liġi.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar min għandu jġorr responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża, jeħtieġ għalhekk li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur. Mill-irċevuti esebiti jirriżulta li l-attur sofra danni materjali/*damnum emergens* fis-somma ta' €664.32[32], filwaqt li hemm ukoll telf ta' qligħ futur/*lucrum cessans* konsegwenza tad-debilità permanenti sofferta mill-attur.

[32] Kopji tal-irċevuti *a fol.* 46 sa 50 tal-proċess.

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013 fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tnejn u erbgħin (42) sena, li hi l-

età li kellu l-attur fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 18. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[33], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 18 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attur hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mit-tliet esperti mediċi *ex parte* li eżaminaw lill-attur li l-grad ta' debilità permanenti li hu sofra hu ta' 5%[34], u l-Qorti ma tara li

[33] P.A., 10.05.2005.

[34] Dan stabbilewh Mr. Thomas Fenech, Mr. Mario Vella u Dr. Jean Karl Soler. Mr. Fenech stabbilixxa li l-ħsara li l-attur sofra f'għajnejh wasslet għal diżabilità permanenti ta' 10%, għalkemm din tikkontribwixxi għal 5% ħsara komplessivament.

hemm l-ebda raġuni valida li għaliha għandha tiddipartixxi minn din ir-rata hekk stabbilita.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien jipperċepixxi l-attur il-paga bażika tiegħu għas-sena 2012, is-sena li fiha seħħ l-inċident.[35] Mill-kopja tal-FS3 esebita[36] jirriżulta li l-attur kellu dħul gross ta' €12,241.179 u dħul nett ta' €11,052.62. Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja[37] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €11,052.62 + €12,962.51 / 2 = €12,007.57. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2014, u lill-Qorti ma jirriżultalhiex li kien hemm dewmien da parti ta' xi parti jew oħra biex il-

[35] L-attur qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, huwa kien jaħdem bħala xufier *self-employed* ġewwa l-Freeport u li minn din l-intrapriża hu kellu dħul li kien saħansitra jeċċedi dak li kien jaqla' mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta J.F. Services Limited. Madanakollu mill-provi prodotti ma tirriżulta l-ebda dokumentazzjoni li tipprova li dan kien il-każ, u l-unika prova li l-attur ressaq tad-dħul tiegħu mix-xogħol ta' xufier hija għas-sena 2015. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel sejra tuża l-prova li ngħabet dwar id-dħul tal-attur fis-sena 2012, u dan minħabba li l-prova li ngħabet dwar id-dħul tal-attur mix-xogħol ta' xufier mhix suffiċjenti għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid issir għall-finijiet ta' din il-kawża.

[36] Għall-fini tal-komputazzjoni tal-paga, il-Qorti qiegħda tuża l-FS 3 tas-sena 2013 *a fol.* 51 tal-proċess, u dan minħabba li meta seħħ l-inċident l-attur kien ilu fl-impjieg sitt xhur biss, u għalhekk id-dokumentazzjoni *a fol.* 120 *et seq.* tal-proċess mhix komprensiva u ma tirriflettix id-dħul attwali tiegħu fuq medda ta' sena, anki in vista tal-aġġustamenti tat-taxxa li jridu jsiru.

[37] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

proċeduri jitwalu bla bżonn. Bħala perċentwal ta' diżabilità, il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%) kif stabbilit mill-esperti mediċi *ex parte*.

Is-salarju medju ta' €12,007.57 x *multiplier* ta' 18, x 5% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €10,806.81 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment)* tiġi **€8,645.45**. Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' €664.32 rappreżentanti d-*damnum emergens*[38] soffert mill-attur, jiġi stabbilit l-ammont totali li għandu jitħallas mis-soċjetajiet konvenuti lill-attur *in linea* ta' danni fis-somma ta' **<u>€9,309.77</u>**.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-inċident mertu tal-kawża seħħ tort u b'negliġenza tas-soċjetajiet konvenuti;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' disat elef, tliet mija u disa' Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€9,309.77);**

[38] L-attur allega li sofra telf ta' madwar elf u ħames mitt Euro (€1,500) tul iż-żmien li fih hu kellu jieħu *vacation leave* wara l-operazzjoni li saritlu, madanakollu minn imkien ma tirriżulta prova ta' dan. Inoltre fuq ammissjoni tal-attur stess, jidher li hu pprefera li jutilizza l-*vacation leave* minflok jieħu s-*sick leave* b'*half pay* u dan naturalment sabiex hu jkun jista' jirċievi s-salarju kollu għall-perijodu inkwistjoni. Inoltre l-attur esebixxa wkoll kopja ta' stimi tal-ispiża meħtieġa sabiex hu jkun jista' jagħmel l-interventi kirurġiċi meħtieġa fi sptar privat, iżda minn imkien ma jirriżulta li dawn huma danni materjali sofferti minnu, jew li l-intervent li għamel sarlu fi sptar privat bil-konsegwenza li kellu jħallas għalih.

4. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jħallsu *in solidum* bejniethom lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetajiet konvenuti.**

Moqrija.